5 ta' April, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Giuseppe Calleja *versus* Walter Zammit Tabona

**Appalt — Azzjoni "de in rem verso" — Art. 1737 tal-Kodiċi Ċivili**

*Jekk appaltatur iqabbad persuna biex tagħmillu xi xogħol li jifforma parti mill-oġġett tal-appalt u ma jħallsux, f'kollox jew f'parti, ta' dak ix-xogħol, dik il-persuna li għamlet ix-xogħol għall-appaltatur ma tistgħax titlob il-ħlas lilha dovut minn għand il-kommittent, jekk dan, meta ssirlu t-talba għall-ħlas, ikun ġa ħallas lill-appaltatur il-prezz kollu tal-appalt. U biex jaġixxi kontra tiegħu fuq l-allegazzjoni li dak il-kommittent kien obliga ruħu li jħallsu hu ta' dak ix-xogħol, hemm bżonn li tirriżulta din l-obligazzjoni, jew l-assunzjoni tal-obligu da parti tal-kommittent li jħallas lil dik il-persuna li għamlet ix-xogħol.*

*U ma tistgħax pretensjoni simili tiġi milqugħa fis-sens li dik il-persuna għandha dritt għal dak il-ħlas bl-azzjoni "de in rem verso": għax din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju, li hu estiż għall-każijiet meta tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħadd ieħor, u hu konċess fil-każijiet kollha fejn ma hix esperibbli l-azzjoni "ex contractu"; u l-azzjoni għandha l-fondament u l-limiti tagħha fil-vantaġġ li jkun ġie rekat lit-terz, bil-konsegwenza li, jekk dan il-vantaġġ ma jkunx jissussisti, l-azzjoni mhix esperibbli; mentri fil-każ ta' pretensjoni simili, min għamel dak ix-xogħol għandu l-azzjoni "ex contractu" kontra l-appaltatur, u mill-banda l-oħra ma jistgħax jingħad li l-kommittent arrikkixxa ruħu indebitament bix-xogħol eżegwit minn dik il-persuna li għamlitu, billi għal dak ix-xogħol il-kommittent ħallas lill-persuna minnu mqabbda.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, bħala "plumber", ħadem fil-flats tal-konvenut f'Tignè Street, tas-Sliema, għal disgħa ġimgħat, bis-salarju ta' £6 fil-ġimgħa; u li huwa rċieva £10 akkont, baqgħalu jieħu £44; u illi l-konvenut obbliga ruħu li jħallsu dan ix-xogħol, u, fi kwalunkwe każ, il-konvenut avvantaġġja ruħu mill-mano d'opera prestata fil-flats fuq riferiti; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma fuq imsemmija ta' £44 għar-raġunijiet fuq indikati. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar 1956;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fiż-17 ta' Jannar 1957, li biha ġiet respinta t-talba tal-attur għar-raġuni li għalliha ġiet magħmula, bl-ispejjeż; salva favur l-istess attur kull azzjoni oħra talvolta lilu spettanti, "si et quatenus"; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-kumpless tal-provi, il-konvenut ta b'appalt ix-xogħol ta' "plumbing" fuq riferit lil Victor Baldacchino, u dan impjega miegħu lill-attur b'salarju ta' £6 fil-ġimgħa. Victor Baldacchino tħallas minn għand il-konvenut. Jiġifieri dan ma fadallu jagħti xejn għall-istess xogħol;

Illi għalhekk mhix applikabbli għall-każ id-dispożizzjoni tal-art. 1737 ta' Kodiċi Ċivili. Del resto, l-attur ma mex-

iex bl-azzjoni fondata fuq dik id-disposizzjoni. U lanqas evidentement, ma jirrikorru l-estremi neċessarji għall-eżerċizzju tal-azzjoni fondata fuq l-ingust arrikkiment;

Illi kwindi jibqa' biss li wieħed jara jekk hux veru dak li jallega l-attur, u ċjoe' jekk il-konvenut obbligax ruħu lejħ li jħallsu huwa tax-xogħol li għamel għall-appaltatur;

Illi n-nuqqas ta' assunzjoni ta' dina l-obbligazzjoni da parti tal-konvenut, li jħallas huwa lill-attur — fuq liema obligazzjoni l-attur ibbaża l-odjerna azzjoni tiegħu —jirriżulta anki mid-depożizzjoni tal-istess attur. Dana, difatti, xehed illi għall-ewwel ġimgħatejn xogħol Baldacchino ħallsu, mbagħad, non ostante t-talb ripetut tiegħu, ma baqgħax iħallsu; u allura, ġurnata waħda, filwaqt li l-konvenut kien fuq ix-xogħol qallu li ma kienx sejjer ikompli jaħdem, għaliex Baldacchino ma kienx qiegħed iħallsu, u l-konvenut irrispondieħ b'dan il-kliem:- "Titlaq xejn, u oqgħod b'moħħok kwiet, għaliex flusek qegħdin f'idejja"; u li meta huwa spiċċa x-xogħol, fakkar lill-konvenut f'dak il-kliem, u qallu li skond dak il-kliem ma kellux iħallas lil Victor Baldacchino qabel ma jsejjaħ lilu;u difatti l-attur kompla jgħid:- "Jiena minn dak inhar bdejt immur, u mort bosta drabi, infittex lill-konvenut fil-lukanda tiegħu u f'daru, u kienu jgħiduli li ma kienx hemm ...... Fl-aħħar sibtu u dan tagħni n-notizzja illi lil Baldacchino kien ħallsu. Meta jiena għidtlu li kien għamel ħażin, irrispondieni li kien ħallas lil Baldacchino għaliex dan kien qallu li ħallasni" (fol. 37);

Illi, għalhekk, l-obligazzjoni li assuma l-konvenut ma kienetx dik li jħallas huwa lill-attur — fuq liema obbligazzjoni, allegata fl-atti taċ-ċitazzjoni, l-attur ibbaża l-odjerna azzjoni; imma dik li ma jħallasx lill-imsemmi Baldacchino jekk mhux fil-preżenza tal-attur; presso a poco kif xehed il-konvenut, meta qal li kien jaf li Baldacchino ma tantx kien ikollu flus f'idejh, huwa ġie li qal lill-attur biex javżaħ meta jkollu jieħu minn għand Baldacchino, ħalli jgħidlu meta jkun wasal biex iħallas lill-istess Baldacchino; u dan biex huwa jkun jista' jkun preżenti huwa wkoll, biex forsi l-preżenza tal-istess konvenut tiswa ħalli Baldacchino jħallas lill-attur (fol. 24);

Illi, dan premess, wieħed għandu jgħaddi biex jara jekk dina l-obbligazzjoni tal-konvenut, li ma jħallasx lil Baldacchino jekk mhux fil-preżenza tal-attur, jew, sija pure, li ma jħallasx lil Baldacchino, jekk dan ma jħallasx lill-attur, tistax tiġi kunsidrata f'din il-kawża, u f'każ li tiġi pruvata, u jiġi pruvat ukoll li l-konvenut naqas għall-istess obbligazzjoni, jekk it-talba tal-attur biex jitħallas minn għand l-istess konvenut tistax tiġi milqugħa;

Illi n-negattiva hija ċara. U difatti jekk tagħmel hekk, il-Qorti tkun qegħda tiddeċidi għall-laqgħa ta' talba għal kawżali diversa minn dik kjarament espressa u formulata mill-istess attur fl-atti taċ-ċitazzjoni; diversa mhux biss fil-kliem, imma fis-sustanza, u għalhekk mhix ekwipollenti. U difatti, skond l-att taċ-ċitazzjoni, it-talba tal-pagament minn għand il-konvenut toħroġ, dati ċ-ċirkustanzi tal-każ kif jirriżultaw mill-provi, mhux minn espromissjoni, billi tonqos l-intenzjoni li d-debitur jiġi liberat dejjem avut rigward għaċ-ċirkustanzi tal-każ, imma minn "ad promissio", jiġifieri minn l-aġġunzjoni tal-promessa tal-konvenut għall-obbligazzjoni ta' Baldacchino li jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu li jħallas lill-attur il-prezz konvenut ta' xogħlu; fil-mentri li skond ix-xhieda tal-istess attur, id-domanda jmissha toħroġ bħala konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-konvenut tal-eżekuzzjoni tal-allegata promessa tiegħu li jiffornixxi lill-attur l-imsemmija kawtela konsistenti fil-patt li ma jħallasx lid-debitur tiegħu Baldacchino jekk mhux fil-preżenza ta' l-istess attur, jew jekk l-istess Baldacchino ma jħallasx lill-attur; u kwindi in linea ta' danni fil-każ li l-attur ma jkunx irnexxielu jitħallas minn għand Baldacchino, konsistenti fit-telf tal-prezz tax-xogħol u f'kull dannu ieħor derivanti minn nuqqas ta' dak il-ħlas;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li x-xogħol tal-"plumbing" fil-flats indikati fl-att taċ-ċitazzjoni ġie mill-konvenut mogħti b'appalt lix-xhud Victor Baldacchino. Lanqas ma hu kontestat li kien dan Baldacchino li nkariga lill-appellant biex jagħmel ix-xogħol ta' "plumber" bil-paga mifthema ta' £6 fil-ġimgħa, u li għal dak ix-xogħol l-appellant fadallu jieħu s-somma reklamata bl-att taċ-ċitazzjoni. Għalhekk imqabbad mill-imsemmi Baldacchino, l-appellant jippretendi li s-somma li fadallu jieħu għandha tiġi lilu mħallsa mill-konvenut appellat, għaliex dan assuma dak il-ħlas in bażi għall-inġust arrikkiment da parti tiegħu bħala konsegwenza tal-eżekuzzjoni tax-xogħol fuq imsemmi;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jallega li fil-kors tax-xogħol il-konvenut ipprometta dak il-ħlas, jiġifieri b'obbligazzjoni awtonoma u "ex novo" irrenda ruħu responsabbli għall-istess ħlas. Iżda din il-Qorti taqbel ma' dik tal-Ewwel Istanza, li mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-konvenut qatt assuma l-obbligu li jħallas id-debitu in kwistjoni. Hu veru li waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol l-appellant kien sejjer jitlaq għax Baldacchino ma kienx ħallsu, u l-konvenut iddisswadieħ li jagħmel hekk billi qallu biex ma jħabbilx moħħu, għax flusu kienu f'idejh; iżda b'daqshekk fissirlu li l-flus li kellu jagħti lil Baldacchino tal-appalt kienu f'idejh, u minnhom seta' jitħallas. U li l-appellant fehem sewwa dak li qal il-konvenut jirriżulta mill-istess xhieda tiegħu (fol. 37). Infatti, meta l-appellant spiċċa x-xogħol, ma talabx il-ħlas lill-konvenut imma biss fakkru li "skond kelmtu ma kellux iħallas lil Victor Baldacchino qabel ma jgħajjat lilu"; u meta, wara żmien, il-konvenut qallu li Baldacchino kien ħallsu, ma rreklamax il-ħlas minn għandu, imma mar ifittex lil Baldacchino biex jitħallas ta' dak li kellu jieħu. Iċ-ċirkustanza li fl-okkażjoni tal-ħlas akkont ta' £10 l-appellant kellu juri l-awtorizzazzjoni ta' Baldacchino biex il-konvenut jagħmel dak il-ħlas, tkompli tikkonferma li fil-konfront tal-appellant id-debitur kien Baldacchino, u mhux il-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi billi, meta ġiet proposta din il-kawża, il-konvenut kien ġa ħallas lil Baldacchino, l-appellant ma jistax jinvoka favur tiegħu d-dispożizzjoni tal-art. 1737 tal-Kodiċi Ċivili; anki għar-raġuni li l-azzjoni minnu eżerċitata mhix bażata fuq dik id-dispożizzjoni tal-liġi. Kwantu għall-pretensjoni l-oħra tal-appellant, fis-sens li huwa għandu dritt għall-ħlas tas-somma reklamata bl-"actio de in rem verso", jingħad li din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiż għall-każijiet meta tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħadd ieħor, u ssib il-fondament tagħha fil-prinċipju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem" (L.206 fr. de regulis juris). Dan ir-rimedju ġie konċess fil-każijiet fejn ma hix esperibbli l-azzjoni "ex contractu", u l-azzjoni għandha l-fondament u l-limiti tagħha fil-vantaġġ li jkun ġie rekat lit-terz, bil-konsegwenza li, jekk dan il-vantaġġ ma jkunx jissussisti, l-azzjoni mhix esperibbli (Vol. XXXIII-I-447; Vol. XXXVI-I-16; Vol. XXXIV-III-784). Fil-każ in eżami, l-appellant kien imqabbad minn Baldacchino, u għalhekk għax-xogħol li għamel għandu l-azzjoni "ex contractu" kontra tiegħu. Mill-banda l-oħra, ma jistax jingħad li l-konvenut arrikkixxa ruħu inġustament bix-xogħol eżegwit mill-appellant, billi għal dak ix-xogħol ħallas lill-persuna minnu inkarigata. Għalhekk ma tikkompetix lill-appellant l-azzjoni "de in rem verso";

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.